**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 11.1.09: FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ**

Illum minflok l-istqarrija tal-fidi nagħmlu t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija

**ADORAZZJONI**. Matul din il-Ġimgħa se nkomplu bl-Adorazzjoni bejn il-quddies ta' fil-għodu u anke fir-Ružarju ta' fil-għaxija biex nitolbu għas-suċċess tal-Missjoni Djoċesana.
Fil-Knisja ta' Savina qed ikun hemm Adorazzjoni kontinwa. Il-Parroċċa tagħna se tieħu sehem fil-lejl ta' bejn it-Tnejn u t-Tlieta: mill-11.00p.m. sal-5.00p.m. Dawk li jixtiequ jieħdu sehem ikellmuna fl-Uffiċċju Parrokkjali biex nipprovdu t-trasport għalihom.

**IS-SIBT, 17.1.09: KORS GHALL-GHARAJJES**

**Fis-6.30p.m.** Nkomplu l-Kors ta' tħejjija għaż-Żwieġ fil-parroċċa. Il-post ikun fid-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦADD, 18.1.09: IT-TIENI ĦADD MATUL IS-SENA.**

**Fl-4.00p.m.** quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija.
Illum ikun hawn fostna l-Patrijiet Franġiskani li jieħdu ħsieb l-Art Imqaddsa. Il-ġbir li jsir illum waqt il-quddies ikun għall-Missjoni fl-Art Imqaddsa.

**DUTTRINA TAT-TFAL**: Matul din il-ġimgħa t-Tfal li jattendu d-duttrina filgħodu, għandhom jattendu għall-quddiesa tas-**7.45a.m**. billi f'dawn il-ġranet se jkun hemm iż-żjajjar tal-Missjoni. L-attendenza tinżamm għal dawk li jattendu l-quddiesa.

**IL-ĠABRA TAS-SANTA INFANZJA** kienet is-somma 78 Euros.

## PROGRAMM TAL-MISSJONI DJOCESANA GĦAL DIN IL-ĠIMGĦA.

**It-Tnejn, 12 ta' Jannar:**
L-aħħar parti ta' Triq il-Kbira u Triq Saguna madwar il-Pjazza ta' fuq. Triq Skerla, Triq Palazz Palina, Triq Kalati u Triq Ċenċ.

**It-Tlieta, 13 ta' Jannar:**
Tkompli Triq Skerla, Triq Ċenċ sa Leli Apap u Triq Dun Luqa

**L-Erbgħa, 14 ta' Jannar:**
Triq Ċenċ minn Carmel Azzopardi sa Rose Borg, Triq Gruwa u Triq tal-Lewż.

**Il-Ħamis, 15 ta' Jannar:**
Triq Santa Marija, Triq tal-Moxa, Triq Ċenċ, Pjazza S.Margerita, Triq Sannat, Triq Xewkija, u parti minn Triq l-Isqof Cocco Palmeri

**Il-Ġimgħa. 16 ta' Jannar:**
Triq Dun Luqa u Triq Tempju ta' l-Imramma

***Informazzjoni utli għal min jixtieq iqerr, ikellem saċerdot jew counsellor:***

Matul il-jiem taz-zjajjar fil-familji, li qed isiru f'dawn il-jiem bhala parti mill-Missjoni Djocesana, fid-Djocesi wiehed jista' jsib servizz ta' qrar, direzzjoni spiritwali u counselling f'dawn il-postijiet u hinijiet:

**Ċentri ta' Rikonċiljazzjoni u Direzzjoni Spiritwali**
Saċerdoti u patrijiet disponibbli għall-Qrar u għad-Direzzjoni Spiritwali mit-Tnejn sas-Sibt, bejn il-5 u l-25 ta' Jannar, mid-9.00am sa nofsinhar, u mill-4.00pm sas-7.00pm, f'dawn il-knejjes:

| | |
|---|---|
| Santwarju Madonna Ta' Pinu | 2155 6187 |
| Knisja ta' San Ġakbu, Rabat | 2155 1211 (c/o Kurja) |
| Dar Manresa (Ġiżwiti), Rabat | 2155 6635 |
| Kunvent tal-Kapuċċini (Franġiskani Kapuċċini), Rabat | 2155 6608 |
| Kunvent ta' San Franġisk (Franġiskani Konventwali), Rabat | 2155 6089 |
| Kunvent ta' Sant'Antnin (Franġiskani Minuri), Għajnsielem | 2155 6095 |
| **Kunvent ta' Santu Wistin (Agostinjani), Rabat** | **2155 6060** |

***Counselling* fil-knisja ta' San Ġakbu**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, bejn il-5 u l-25 ta' Jannar, mid-9am sa nofsinhar.

## DHUL FIS-SEMINARJU JEW FIL-KONSERVATORJU

Ir-reġistrazzjoni għad-dħul fl-Ewwel Klassi tas-Seminarju Minuri u tal-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tkun miftuħa nhar it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, 12,13,u 14 ta' Jannar mid-9.00 sa nofs inhar. Jieħdu magħhom Certifikat tat-Twelid u Ritratt tat-tifel/tifla u l-Karta ta' l-Identita' tal-Ġenituri